**FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI**
*Foundation for Educational Services*

# Workshop Numru 7

**Maria Pace**
**Il-Ġimgħa u s-Sibt**
**Lingwa: Ingliż**

# *Il-Kitba – Għodda biex tifhem aħjar : Ngħinu l-istudenti jsiru qarrejja iktar kapaċi*

## Deskrizzjoni tal-Workshop

Dan il-workshop hu maħsub biex jgħin lill-għalliema jesploraw modi ġodda biex l-istudenti jistgħu jidħlu iktar fil-qalba ta' testi letterarji. Permezz tal-kitba, huma jsibu xi konnessjoni ma' ħajjithom u għalhekk ikunu lesti jagħmlu l-isforz meħtieġ biex jidħlu fil-fond tas-suġġett fejn l-awtur jixtieqhom li jkunu. Il-kitba tintuża bħala għodda li tgħin biex wieħed jaqra u jifhem aħjar. Huwa biss wara li l-istudenti jkunu fehmu sewwa t-test li dan jista' jintuża għal ħafna tipi ta' tagħlim.

## Nota Bijografika

Maria Pace hi għalliema b'esperjenza twila fit-tagħlim ta' bosta suġġetti . Għallmet fi skejjel tal-gvern, tal-knisja u tal-privat lil studenti ta' etajiet u abbiltajiet differenti. Wara li Ms Pace attendiet korsijiet fil-metodologija tal-kitba organizzati taħt l-awspicju tal-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi, hi ħadet sehem attiv fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' korsijiet ta' kitba kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri. Mexxiet 'workshops' għall-għalliema u studenti għalliema u f'April 2005, kienet waħda minn tliet ko-ordinaturi li mexxew l-ewwel Istitut tal-Kitba organizzat kompletament mill-Maltin. Dan is-Sajf ħadet sehem f'workshop organizzat minn SCWriP f'Santa Barbara Kalifornja. Maria tħaddem il-metodologija tal-Proċess tal-Kitba fil-klassijiet tagħha fis-Seminarju u tirriċerka l-effettivita' tal-metodu.